## QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

## IMĦALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta’ nhar-il Ħamis 9 ta’ Novembru 2017**

**App. Nru. 338/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Polidano**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Carmel Polidano, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 506259M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fil-kapaċita` tiegħu ta’ direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Polidano Brothers Limited (C8884) u Polidano Properties Limited (C30014), bejn it-2 ta’ Marzu 2012 u fil-ġimgħat u x-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti magħmulin b’risoluzzjoni waħda u fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, f’Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira, Balzan u f’57, Main Street, Balzan:

(1) waqqa' jew ipprova jwaqqa`, qata jew ipprova jaqta`, neħħa jew ipprova jneħħi l-qoxra taz-zokk tas-siġra jew weraq tagħha, qala' jew ipprova jaqla', neħħa jew ipprova jneħħi injam, waħħal jew ipprova jwaħħal xi ħaġa ma', jew b'xi mod qered jew ipprova jeqred, għamel ħsara jew ipprova jagħmel ħsara lil xi siġra jew lil xi parti minnha li hija elenkata fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u dan bi ksur tar-regolament 12 tal-Avviż Legali tal-2011 (Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar);

(2) ħatt jew qiegħed f'periklu b'kull mezz li jkun, l-istabbilita` u s-sħuħija ta' xi ħajt tas-sejjieħ jew ta' xi kostruzzjoni, struttura jew fond rurali, jew li ma ħalliex l-ilma tax-xita jgħaddi ġieri minn ġol-binja tal-ħajt tas-sejjieħ, jew li immina s-sisien ta' xi ħajt tas-sejjieh jew kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u dan bi skur tas-sub regolament 2 tar-Regolament 5 tal-Avviż Legali 160 tal-1997 (Regolamenti dwar Ħitan tas-Sejjieħ u Strutturi Rurali – Konservazzjoni u Manutenzjoni);

(3) wara li ġie notifikat b'avviż biex tieqaf u ta' twettiq, naqas milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih, u dan bi ksur tal-artikolu 56(1)(c) tal-Kap. 356 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 94(1)(c) tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) mexa bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 81 u 82 fir-rigward ta' xi proprjeta` skedata, jew ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-regolament 6 tal-Avviż Legali 12 tal-2001 (LS 504.16); ir-regolament 5(2) tal-Avviż Legali 160 tal-1997; l-artikolu 56(1)(c) tal-Kap 356; u l-artikoli 81, 82 u 94(1)(b) u (c) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Polidano ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' mitt elf Euro (€100,000). Il-Qorti inoltre ordnat lill-istess Carmel Polidano, ai termini tal-artikolu 94(2) tal-Kap. 504, sabiex fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jottempera ruħu mal-ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni maħruġa lilu fit-12 ta' Lulju 2011, kif ukoll jottempera ruħu mal-avviż ta' twettiq datat 21 ta' Frar 2012, taħt penali ta' mija u tletin euro għal kull jum li tali nuqqas ikompli jippersisti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Polidano ppreżentat fit-12 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi

tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-liġi. Alternattivament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi **l-ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
>
> "1. Illi b'kull rispett l-esponent appellant umilment jikkontendi li l-proceduri fl-ismijiet premessi huma kollha nulli stante li dawn il-proceduri tmexxew minn persuna privata li la kienet membru tal-Korp tal-Pulizija w wisq inqas kellha x'inkarigu moghti lilha mill-MEPA. Jirrizulta ampjament li l-prosekuzzjoni tmexxiet u d-domandi kollha tal-prosekuzzjoni saru minn Dr. Rueben Farrugia LL.D.
>
> "i. Jigi rilevat illi dawn ma' humiex proceduri fejn il pulizija ghandha bzonn il-kwerela tal-parti biex tmexxi;
>
> "ii. Illi mkien mill-atti ma jirrizulta li l-avukat Dr. Rueben Farrugia gie ammess bhala *parte civile*. Wiehed ma jistax jifhem l-irwol tal-avukat Dr. Ruben Farrugia f'dawn il-proceduri;
>
> "iii. Jirrizulta mill-atti li d-domandi kollha lix-xhieda prodotti da parti tal-prosekuzzjoni saru mill-istess imsemmi avukat;
>
> "*Dato ma non concesso* li wiehed seta' jikkunsidra lil Dr. Rueben Farrugia LL.D. bhala *parte civile* xorta wahda ma setax jaghmel d-domandi lix-xhieda prodotti. Bhala *parte civile* wiehed ghandu d-dritt li jaghmel sottomissjonijiet li ma jistghux ikunu la fuq piena u anqas jista' jaghmel l-ezami tax-xhieda.
>
> "Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti **t-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
>
> "Illi l-esponent appellant qieghed iqajjem in-nullita` tas-sentenza appellata in kwantu ma fihiex ir-ragunijiet ghas-sejbien ta' htija. In sintesi s-sentenza tista' tigi migbura f'dikjarazzjoni spontaneja tal-ewwel Onorabbli Qorti a favur il-harsien tal-ambjent, li

ghalkemm wiehed certament jaqbel maghha bir-rispett ma tikkostitwix ragunijiet ai fini w l-effetti tal-ligi. Imkien fis-sentenza m'hemm stharrig tal-provi mressqa mid-difiza w wisq inqas deliberazzjoni dwar l-eccezzjonijiet u d-difizi kollha mqajjma mill-esponent. Huwa minnu li fi proceduri sommarji mhijiex rikjesta r-rigorozita` procedurali li hija stabbilita fi proceduri penali ohra, pero` 'is-sentenza' *de quo* bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika, sibiljana w skarna ghal dak li jirrigwarda r-ragunijiet;

"Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti **t-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

"1. Illi s-sentenza appellata ghandha tigi revokata u mhassra fl-intier taghha u s-sejbien ta' htija tal-imputat ghandha tigi revokata w konsegwentament jigi ddikjarat mhux hati ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha jirrizulta li qalbet l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat, fejn donnha ppretendiet li minflok il-prosekuzzjoni ggib prova ta' dak allegat minnha, l-akkuzat kellu jgib prova biex jirribatti dak allegat fuqu.

"F'dan l-istadju wiehed jargumenta w jikkwota testwalment x'qalet l-ewwel Onorabbli Qorti li **"Fis-sustanza, izda, ma giet prodotta ebda prova in difesa biex tirribatti l-provi tal-Prosekuzzjoni ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu."** Imma hawn jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza li:

i. Is-silenzju tal-imputat esponent huwa kontestazzjoni fih innifsu;
ii. Illi 1-provi jsiru wkoll tramite l-kontro-ezamijiet u mhux bl-ezami tax-xhieda biss u li l-akkuzat jekk jidhirlu li mill-provi prodotti w mill-kontro-ezamijiet maghmula minnu ma jirrizultawx l-elementi tar-reati addebitati lilu jista' jistrieh esklussivament fuq is-sottomissjonijiet tieghu li jikkostitwixxu prova minnhom infushom;
iii. Illi l-piz ta' prova inkombenti fuq l-imputat huwa differenti minn dak tal-prosekuzzjoni;

"2. Illi huwa principju elementari tal-Ligi tal-procedura Maltija kemm dik penali kif ukoll civili li dak li jallega jrid igib prova ta' dak li qieghed jallega u mhux li l-imputat huwa presunt hati w jrid igib il-prova tal-innocenza tieghu. Inoltre huwa principju elementari wkoll li fil-kamp penali l-prova tal-Prosekuzzjoni trid tmur lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni. Madankollu l-oneru tal-prova tad-difiza jasal sal-grad ta' probabilita`. Ta' min isemmi wkoll principju elementari iehor fil-procedura penali ta' *in dubio pro reo*;

"Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti **r-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

“i. Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi w cioe` dak fi grad ta’ certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija *‘unsafe and unsatisfactory’*;

“ii. Illi ghalkemm 1-imputat gie mharrek fil-vesti tieghu ta’ Direttur u ghan-nom u rapprezentanza tas-socjeta` Polidano Brothers Limited (C8884) u Polidano Properties Limited (030014) l-Prosekuzzjoni l-anqas gabet l-inqas xrara ta’ prova li b’xi mod turi li Carmel Polidano kien fil-fatt Direttur jew kien igawdi mir-rapprezentanza guridika w legali taz-zewg socjetajiet citati fil-mument li fih allegatament gew kommessi r-reati addebitati lilu. L-inqas u l-ehfef prova li setghet ggib il-Prosekuzzjoni kien ikun li tharrek ir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji sabiex dan jaghti taghrif dwar min kien jokkupa l-kariga ta’ direttur jew kellu rapprezentanza guridika w legali tas-socjetajiet *de quo* fil-mument tat-twettiq tar-reat. Dan il-Prosekuzzjoni m’ghamlitux u ghalhekk naqset **milli ggib l-aqwa u l-ehfef prova** li kien jispetta lilha. Fil-kamp penali wiehed ma jistax jistrieh biss fuq assunzjonijiet;

“iii. Bl-istess mod il-Prosekuzzjoni naqset li ggib l-ahjar u l-ehfef prova ghal dak li jirrigwarda n-ness bejn il-persuni li nstabu fuq is-sit u l-appellant. L-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet assunzjoni gratuita u ghalhekk bl-akbar rispett zbaljata li l-persuni li nstabu fuq is-sit minn ufficjali tal-MEPA kienu impjegati ta’ xi wahda mis-socjetajiet koncernati. Il-Prosekuzzjoni tant kienet certa minnha nfisha li **la gabet prova tal-ismijiet ta’ mqar wiehed minn dawn il-persuni**, la harrket lil xi wiehed minnhom sabiex bil-gurament jigi mistoqsi min kien l-*employer* tieghu w wisq inqas l-aqwa w l-ehfef prova li ttella’ rapprezentant tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig sabiex jikkonferma o meno jekk il-persuni fuq is-sit kinux impjegati tas-socjetajiet *de quo*;

“iv. Illi l-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-esponent li wettaq ir-reat f’fond partikolari w cjoe` fi sqaq Nru. 1 Triq il-Kbira Balzan u Nru. 57 Main Street Balzan. Il-Prosekuzzjoni kellha d-diskrezzjoni li tkun generika fl-akkuzi taghha li tghid per ezempju fi Triq il-Kbira Baizan, izda ghazlet li tkun specifika w tindika z-zewg fondi partikolari;

“Illi minn imkien mill-provi w mir-ritratti esebiti ma jista’ qatt wiehed jasal ghall-identifikazzjoni tas-sit *de quo* bhala dak bin-numru 57 Main Street Balzan, ghax id-dokumenti esebiti m’humiex esklussivi ghal dak il-fond. L-anqas ghal dak li jirrigwarda s-Sqaq ma ngabet xi prova w l-ebda dokument u wisq inqas l-ebda ritratt ma juri xi xoghol li sar jew li qed isir jew xi hsara li saret jew li qed issir fl-isqaq innifsu, li huwa trejqa jew triq li ma tinfidx;

> “v. Inoltre jigi rilevat li 1-anqas ma saret il-prova kemm diretta w wisq anqas cirkostanzjali li l-esponent appellant ta xi direttiva lil xi hadd sabiex iwettaq l-allegati illegalitajiet. Wisq inqas ma saret xi prova li per ezempju l-esponent personalment ghamel xi xoghol, hsarat jew illegalitajiet allegati. Minn ezami akkurat tax-xhieda prodotti mhux talli jghidu li qatt ma raw l-esponent jezegwixxi l-allegati illegalitajiet anzi fil-maggor parti taghhom jghidu li l-anqas biss qatt tkellmu mieghu;
>
> “Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti **l-hames aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
>
> “Illi qatt ma seta’ jkun hemm sejbien ta’ htija tal-esponent appellant in kwantu l-appellant gab prova li tmur lil hinn mill-grad ta’ probabilita` inkombenti fuqu li fil-fatt il-Kumpanniji li fil-vesti ta’ Direttur gie mharrek hu ma kellhom l-ebda rabta mas-sit in kwistjoni ghaliex fil-fatt il-Kumpanniji kienu ilhom li ttrasferixxew kull dritt li kellhom fl-istess propjeta` lill-Kumpannija ohra sa mill-2006 kif jidher mill-att pubbliku ezebit in atti, liema att pubbliku li l-anqas m’ghandu bzonn ta’ korroborazzjoni huwa dak li l-ewwel Onorabbli Qorti ddeskrivietu bhala ‘xi dokumenti biex jipprova jesimi ruhu mir-responsabbilita` ghal dan l-incident’.
>
> “Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti **s-sitt aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:
>
> “*Dato ma non concesso* li din l-Onorabbhi Qorti ma’ tilqax l-aggravji tal-appellant u xorta ssib htija fih, il-piena nflitta fuq l-appellanti minn l-ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghal portata ta’ dan il-kaz. Fil-fehma tal-esponent ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u li tinghata piena li tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.
>
> “**Illi finalment l-esponent qieghed jirrizerva il-posizzjoni Kostituzzjonali tieghu kemm in kwantu ghal mod selettiv kif gew inizjati dawn il-proceduri kif ukoll ghat-trattament tieghu mill-Qrati Maltin.**”

**6.** Qabel xejn din il-Qorti tgħid illi b’sentenza preliminari tagħha tal-11 ta’ Diċembru 2013 hija ddisponiet mill-ewwel żewġ aggravji. Għalhekk se tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-oħra.

**7.** L-ewwelnett, in kwantu jirrigwarda t-tielet aggravju, il-punti legali sottomessi mill-appellant huma korretti. Biss, minn qari tas-sentenza appellata, din il-Qorti tinterpreta dak li qalet l-ewwel Qorti bħala mod ieħor biex tgħid li l-provi tal-prosekuzzjoni ma kinux kontradetti; jew, fi kliem ieħor, li l-appellant ma rnexxilux jipprova fuq bilanċ ta’ probabilita` li ma kellux jinstab ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti hi konxja tal-prinċipji msemmija mill-

appellant u sejra żżomm tali prinċipji quddiemha meta tgħaddi issa biex tagħmel l-apprezzament tal-provi.

**8.** Issa, l-appellant ġie akkużat "fil-kapaċita` tiegħu ta' direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Polidano Brothers Limited (C8884) u Polidano Properties Limited (C30014)". Huwa jgħid li ma nġabet l-ebda prova li huwa kien Direttur jew kien igawdi mir-rappreżentanza ġuridika u legali taż-żewġ soċjetajiet imsemmija. In effetti huwa minnu li ma ġie prodott l-ebda rappreżentant tal-MFSA biex jindika min huma d-diretturi ta' dawn iż-żewġ soċjetajiet. Naturalment dan ma jfissirx illi ma jistgħux ikun hemm provi oħrajn f'dar-rigward. Jgħid ukoll li lanqas ma nġabet prova tan-ness bejn il-ħaddiema li nstabu fuq il-post u l-appellant. Anke hawn, bħalma jgħid l-appellant, ma jirriżultax li ttieħdu l-partikolaritajiet tal-ħaddiema u lanqas ma ġie prodott rappreżentant ta' l-allura ETC biex jgħid ma' min kienu impjegati dawn il-ħaddiema. Jirriżulta wkoll illi quddiem l-ewwel Qorti l-appellant esebixxa kopja ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja ppubblikat fit-12 ta' Settembru 2006 mnejn jidher li l-imsemmijin żewġ soċjetajiet biegħu l-proprjetajiet in kwistjoni lis-soċjeta` Balzan Estates Ltd. Irid jingħad hawn illi f'dan il-kuntratt l-appellant deher bħala direttur ta' l-imsemmijin żewġ kumpaniji.

**9.** Issa, fis-17 ta' Lulju 2009 saret applikazzjoni għal permess għall-iżvilupp mill-appellant. Ara f'dar-rigward id-dokument a fol. 25, 25 *retro*, 26 u 26 *retro* li jirriżulta ffirmat mill-appellant kemm bħala "applicant" kif ukoll bħala "in my own name". Għalkemm l-isem huwa ndikat bħala "Charles Polidano" u mhux "Carmel Polidano", qed jingħad li hu ffirmat mill-appellant peress illi n-numru tal-karta ta' identita` fuq l-imsemmija applikazzjoni (I.D. 506259(M)) huwa n-numru ta' l-appellant. L-indirizz mogħti huwa Properties Ltd, Ħal-Farruġ Road, Ħal-Luqa. Din ċertament hija ndikazzjoni tas-soċjeta` Polidano Properties Ltd imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Il-postijiet fejn intalab permess biex isir żvilupp permezz ta' tali applikazzjoni huma l-fondi numri 57, 58, 59 u 60 Triq il-Kbira, Balzan.

**10.** L-appellant jgħid ukoll illi ma nġabet l-ebda prova li sar xi xogħol fil-fondi msemmijin fiċ-ċitazzjoni, u cioe` 57 Triq il-Kbira, Balzan u Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira, Balzan. Kwantu għall-isqaq, huwa minnu li xogħlijiet ma sarux fl-isqaq, iżda dan l-isqaq għandu bieb (li waqt l-aċċess ġie osservat li kien imbarrat) li jagħti għal ġnien/għalqa (minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għal din il-proprjeta` bħala "ġnien") fejn in effetti kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet li taw lok għal dawn il-proċeduri. Il-kuntratt esebit mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti fil-fatt jitkellem ukoll dwar "the garden numbered five (5) at Alley one (1), High Street,

Balzan" u "the field in Alley one (1), High Street, Balzan". Din il-proprjeta`, kif osservat waqt l-aċċess miżmum minn din il-Qorti, tagħqad mal-proprjetajiet l-oħra msemmija.

**11.** Issa, waqt spezzjoni li saret fil-21 ta' Frar 2012, l-uffiċjali ta' l-allura MEPA tkellmu mal-ħaddiema li, mistoqsijin min kien qabbadhom jagħmlu x-xogħol, qalu li mqabbdin "mill-kumpanija ta' Polidano". Naturalment dak li setgħu qalu l-ħaddiema huwa biss *hearsay*. Iżda l-għada reġgħu marru uffiċjali tal-MEPA fuq is-sit u kien hemm l-appellant li tkellmu miegħu u ġie mgħarraf li kellu jieqaf mix-xogħol fil-ġnien. Huwa ġie wkoll notifikat fl-uffiċċju tiegħu b'*enforcement notice*. Ta' min jgħid illi fuq l-areja kollha kien inħareġ e*mergency conservation order* fit-12 ta' Lulju 2011 u dik il-proprjeta` ġiet sussegwentement skedata fl-10 ta' Jannar 2012. Mix-xiehda ta' rappreżentanti tal-MEPA jirriżulta li kien l-appellant li kien qiegħed jissottometti *restoration method statements*.

**12.** Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellant ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbilta` billi jgħid illi l-kumpaniji ndikati fiċ-ċitazzjoni ma kinux għadhom is-sidien tal-proprjetajiet in kwistjoni. Il-fatt li ntavola l-applikazzjoni fuq imsemmija, u ċ-ċirkostanzi kollha elenkati jindikaw li huwa kien qiegħed jassumi r-responsabbilta` għall-iżvilupp fl-imsemmijin proprjetajiet u, stante dak li hemm imniżżel fl-applikazzjoni msemmija, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dan kien f'isem is-soċjeta` Polidano Properties Ltd. U anke jekk ma kienx qiegħed jagħmel hekk bħala sid, il-liġi xorta tippunixxi lil "**kull min** ... (b) jimxi bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 81 u 82 fir-rigward ta' xi proprjetà skedata, jew ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni; jew (*ċ*) wara li jkun ġie notifikat b'avviż ta' twettiq jew avviż ieħor skont l-artikoli 78, 86, 87 u 88 jonqos milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih" (enfażi ta' din il-Qorti). Għall-kompletezza mbagħad forsi wieħed kien jistenna li jissemmew ukoll il-fondi 58, 59 u 60. Iżda hawn si tratta ta' ċitazzjoni li hi kkunsidrata bħala *avviso a comparire*.

**13.** F'dar-rigward qed issir referenza fl-ewwel lok għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

**14.** Issa, il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in

kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (*"avviso a comparire"*). Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> **"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."**

**15.** U bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

> **"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**
>
> **.....**
>
> **Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

**16.** Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** mogħtija fit-18

ta’ Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:

> **“Dawn il-fatti [ta’ l-akkuża], naturalment, iridu juru b’mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta’ tigbid ta’ kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

**17.** Fil-każ in eżami ċ-ċitazzjoni kif redatta tikkontjeni l-elementi kollha rikjesti mil-liġi, l-appellant kien jaf sew għal liema reati kien imsejjaħ biex iwieġeb, u ngħata l-opportunitajiet kollha sabiex jiddefendi ruħu.

**18.** Issa, kif diġa` ngħad, dak li ta lok għall-proċeduri odjerni kienu x-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fl-areja tal-ġnien suriferit bħala fi Sqaq Nru. 1, Triq il-Kbira, Ħal-Balzan aċċessibbli, kif ingħad ukoll, mill-proprjetajiet l-oħra. Effettivament meta sar l-aċċess mill-Qorti, id-dħul sar mill-fond numru 60. Hawnhekk l-uffiċjali tal-MEPA nnutaw li kienu tqaċċtu xi siġar. Fost dawn is-siġar, Jonathan Henwood seta’ jidentifika b’ċertezza siġra waħda tar-rand li kellha ‘l fuq minn ħamsin sena u li hija protetta taħt it-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (Reg. 12 ta’ l-Avviż Legali 200 tas-sena 2011 – 549.64). Siġar oħrajn ma kinux protetti. Kwantu għal ħajt tas-sejjieħ, mix-xiehda ta’ Kevin Ciantar li kien *senior enforcement officer* mal-MEPA, jirriżulta li l-ħajt in kwistjoni kien diġa` ġġarraf parti minnu bl-elementi snin qabel. Mix-xiehda tiegħu, ta’ uffiċjali oħra u mir-ritratti esebiti jidher li parti minn dan il-ħajt tneħħa biex b’hekk setgħet tgħaddi l-gaffa li kienet qed tintuża biex jiġi kklerjat il-ġnien. Jiġifieri l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jirriżultaw.

**19.** L-appellant ġie akkużat ukoll li naqas milli jħares xi waħda mill-ħtiġijiet ta’ avviż biex jieqaf u ta’ twettiq notifikat lilu. L-uniku avviż simili li ġie notifikat lilu kien dak tal-21 ta’ Frar 2012, cioe` dak maħruġ wara l-ewwel spezzjoni li saret mill-uffiċjali tal-MEPA fl-imsemmija data.[1] Fit-2 ta’ Marzu 2012, minħabba rapport li kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet, reġgħu marru fuq il-post uffiċjali tal-MEPA, fosthom Kevin Ciantar li qal iżda li x-xogħol li kien qiegħed isir kien f’parti oħra tas-sit u mhux dak kolpit mill-*enforcement notice*. Fil-fatt kien hemm xi ħajt li kien qiegħed jinħatt u li ma kienx parti mix-xogħlijiet miftehma ta’ konservazzjoni. Kwindi l-appellant ma setax jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni.

---

[1] Il-Qorti nnutat li, filwaqt li l-avviż hu datat 21 ta’ Frar 2012, inħareġ – kif indikat isfel f’dan id-dokument – fit-22 ta’ Frar 2012.

**20.** Kwantu għar-raba' imputazzjoni, peress illi x-xogħlijiet fil-ġnien u l-ħatt ta' ħajt kif ingħad fil-paragrafu preċedenti, saru fi proprjeta` li fuqha kienet ħarġet ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni u li mbagħad ġiet skedata, u liema xogħlijiet ma sarux bl-awtorizżazzjoni tal-MEPA, allura tali imputazzjoni tirriżulta.

**21.** Kwantu għall-piena li l-appellant iqis eċċessiva, din il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li seta' jiġi determinat b'ċertezza li tqaċċtet randa waħda, li l-ħajt tas-sejjieħ in kwistjoni kien diġa` ġġarraf parzjalment snin qabel bl-elementi, u li l-appellant se jiġi dikjarat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni. Din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li fil-mori ta' l-appell ingħata *full development permission* fuq l-areja kollha kolpita mill-ordni ta' skedar fejn il-ġnien in kwistjoni u ġonna ta' madwar se jibqgħu dak li waqt is-smiegħ ta' l-appell saret referenza għaliha bħala *green enclave* b'numru kbir ta' siġar li se jitħawwlu, jiġu *reinstated* jew *transplanted*. Parti mill-proġett jinkludi allinejament ġdid ta' ħajt tas-sejjieħ. Huwa minnu li dan il-permess inħareġ lil kumpanija oħra ta' l-appellant – Polidano Holdings – iżda si tratta ta' l-istess proprjetajiet. Għalkemm jidher li għad hemm appell pendenti dwar il-ħruġ ta' l-imsemmi permess, il-fatt li nħareġ juri li l-awtorita` konċernata laħqet l-għan tagħha meta skedat il-proprjetajiet konċernati. Għalhekk hemm lok ta' temperament tal-piena.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Carmel Polidano għall-ħlas ta' multa ta' mitt elf Euro (€100,000) u in kwantu ordnat li, ai termini tal-artikolu 94(2) tal-Kap. 504, fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata jottempera ruħu mal-ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni maħruġa lilu fit-12 ta' Lulju 2011, kif ukoll jottempera ruħu mal-avviż ta' twettiq datat 21 ta' Frar 2012, taħt penali ta' mija u tletin euro għal kull jum li tali nuqqas ikompli jippersisti, u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' għaxart elef euro (€10,000).